MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Numru. 632/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kyle Borg)**

**Vs**

**Russel Schembri ta' 24 sena, iben Raymond u Silvana xebba Pace, imwieled Pieta` nhar it-18 ta' Settembru 1987, residenti 38, Triq il-Miratur, Floriana u detentur ta' Karta ta' l-identita bin-numru 437487M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat tall fit 23 ta' April 2012, u fix-xhur ta' qabel, fil-Belt Valletta u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminjiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonij tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi::

1. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` minn licenzja tal-windscreen bin-numru sserjali HO42246, ta' vettura Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni KAJ543 billi wahhalha fuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni MGB405:

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Peugeot 405 numru tar-registrazzjoni MGB405, minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji tat-terzi persuni;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura u cioe Peugeot 405 numru tar-registrazzjoni MGB405, minghajr licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura u cioe Peugeot 405 numru tar-registrazzjoni MGB405, minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (licenzja mhux imgedda);;

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrat Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghxu jigu imhassra ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet lid-difiza tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.tat-tielet. akkuza bid-dekors ta' sitt (6) xhur;

Semghet lill-imputat jammetti l-kumplament tal-akkuzi liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrijafferma l'istess;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi t-3. akkuza migjuba kontra l-imputat hija dik prevista fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta liema akkuza taqa’ bil-preskrizzjoni tas-sitt (6) xhur. Illi d-data tal-akkuza hija indikata bhala t-13 ta’ April, 2012 meta mill-atti jidher illi l-imputat gie notifikat bl-akkuza fis-seduta tal-4 ta’ Dicembru, 2012, kwindi ma hemmx dubju illi l-akkuza hija preskritta skond il-ligi..

Illi dwar l-akkuzi l-ohra l-imputat fid-dawl tal-ammissjoni mghamula mill-imputat, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation minn fejn jirrizulta illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 184, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tiddikjara t-3. akkuza preskritta issib lill-imputat hati tal-kumplament u b’applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggi lil hati taht Combined Order of Probation ghall sentejn mil-lum u Ordni ghal Servizz fil-Komunita ta’ mitt (100) siegha u dan taht is-Supervizjoni tal-Ufficjal tal-Probation..

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwu xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lilhu mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------